MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2010

Talba Numru. 227/2008

**Joseph Ghiller**
**I.D. 553455(M)**

**Vs**

**Malta Directories Limited**

**It-Tribunal,**
Ra l-Avviz tal-attur li talab lil dan it-Tribunal jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elf, mija u hamsin lira Maltin(Lm 1150) u cioe' ekwivalenti ghal elfejn sitt mija u tmienja u sebghin Ewro u tmienja u sebghin Ewro centezmu (€2678.78) dovuti kwantu ghal mija u hamsin lira Maltin (Lm150) u cioe' ekwivalenti ghal tlett mija u disgha u erbghin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€ 349.41) hlas ta' kontribuzzjoni li ghamel mieghu sabiex jidher ismu fil-*Malta Business Directory* u kwantu ghal elf lira Maltin (Lm1000) u cioe' elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tlettin centezmu (€ 2329.37) hlas ta' danni sofferti minnu minhabba li s-

socjeta' konvenuta naqset li tinkludi ismu fil-harga tal-*Malta Business Directory*, 2007. Ir-reklam fil-*Malta Business Directory* jikkoncerna l-hanut tal-attur u cioe' l-hanut *Telephone Box*, f'Bormla. Minhabba t-traskuragni u n-negligenza tieghek, l-attur sofra nuqqas ta' bejgh.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li ecceppiet illi preliminarjament, it-Tribunal m'ghandux kompetenza sabiex jisma' u jiddeciedi t-talba kif dedotta.

Minghajr pregudizzju ghas-*suespost*, li l-konvenut kien u ghadu dejjem dispost li jirrifondi l-mija u hamsin lira Maltin (Lm150) u cioe' ekwivalenti ghal tlett mija disgha u erbghin Euros u wiehed u erbghin centezmu ( € 349.41), hlas ta' kontribuzzjoni billi jidher li l-impjegat tas-socjeta' konvenuta naqas li jghaddi informazzjoni lill-konvenut, kif kien tenut li jaghmel.

Kwantu ghad-danni pretizi mill-attur, il-konvenut ma jaccetta l-ebda responsabbilita' u fi kwalunkwe kaz, dawn huma ferm eccessivi u ghandhom jigu dettaljatament ppruvati mill-attur peress li l-attur ma pprezenta l-ebda prova f'dan ir-rigward u ghal daqstant it-talba ghandha tigi michuda.

Salv eccezzjonjiet ohra.

Illi fis-seduta tad-9 ta' Gunju, 2008, l-eccezzjoni preliminari giet irtirata.

Ra x-xhieda tal-attur li jispjega kif kien ilu ghal hames jew sitt snin jirreklama fuq il-*Malta Business Directory*, l-hanut tieghu "*Telephone Box*" u kien ilu jirreklama peress li kien ikollu rispons.

Kien hallas ghar-reklamar fil-publikazzjoni tas-sena 2007, izda kien irrizulta li ma kienux gabu dan ir-reklam f'din l-edizzjoni.

Ghal ewwel, meta kkomunika maghhom, kienu njorawh, izda mbaghad, kienu talbu x'rimedju kien qed jippretendi u

kien qallhom li ried il-flus li kien hallas ghal dan ir-reklmar lura, izda s-socjeta’ konvenuta ma rieditx thallsu lura.

Jghid li kien qed jitlob dan l-ammont ta’ elf lira Maltin (Lm 1000) u cioe’ ekwivalenti ghal elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tlettin centezmu (€ 2329.37), ghaliex kien ikkalkola li kien hemm telf ta’ flus u cioe’ danni fuq perjodu tas-sena li tulha ma kienx sar reklamar, ghaliex mir-reklamar kien ikollu *feedback* ghal *mobiles*, *plasma tv* u affarijiet simili.

Ra x-xhieda ta’ Frances Ghiller, li apparti milli tikkonferma x-xhieda tar-ragel taghha, izid ukoll, li meta r-ragel taghha kien tkellem mas-segretarja tas-socjeta’ konvenuta, kienet qaltlu li ma kienx hemm l-uniku klijent li kellu din l-problema, ghaliex kien hemm *salesman* u kien telaq u ma kienx ghaddielhom informazzjoni.

Ix-xhud tikkonferma ukoll li kienet baghtet l-applikazzjoni, flimkien mad-deposit, pero’ kienet ukoll baghtet l-applikazzjoni b’*fax*.

Tikkonferma li ma rieditx terga’ thallas, la darba kienet hallset ghar-reklamar ghal perjodu ta’ sena.

Ra x-xhieda ta’ Gordon Debono, li huwa direttur tas-socjeta’ konvenuta. Ma kienx jaf lill-attur, izda kien kellmu personalment, meta kien ilmenta li ma kienux gabu r-reklam tal-hanut tieghu fid-*Directory* u dan minkejja li kien ghamel “*booking order*.”

Mill-investigazzjonijiet li kien ghamel irrizulta li kien hemm il-“*booking order*” tal-attur nieqsa u mill-verifiki li ghamel irrizulta li kellu mpjegat li kien ha l-ordni personalment u mbaghad kien qaccat l-ordni minn fuq il-ktieb u kien zamm id-deposit huwa stess. Qatt ma kien ra l-ordni originali, pero’ l-attur kien baghtlu kopja taghha.

Irrizultalu ukoll li dan l-impjegat kien zamm diversi “*booking orders*” u d-depoziti li jithallsu fuqhom.

Ix-xhud izid ighid li kien offra lill-attur li jaghmel ir-reklamar fl-edizzjoni li kien imiss, izda l-attur baqa' jinsisti li ried jithallas elf lira Maltin (Lm 1000) u cioe' ekwivalenti ghal elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tlettin centezmu (€ 2329.37) u kien hawn li kien dahal fil-kaz.

Ra x-xhieda ta' Louise Attard, direttrici tas-socjeta' konvenuta, li tikkonferma li kien hemm xi lmenti da parti tal-attur ghaliex kien hallas sabiex isir reklamar tal-hanut tieghu u dan ma kienx sar.
Wara li ghamlet il-verifiki, irrizultalha li kien hemm xi *sales representative* tas-socjeta' li kienet hadet l-ordni, izda minn imkien ma nstabet din l-ordni.

Generalment, il-prassi hija li l-kuntratt jigi ffirmat mill-klijent, kif ukoll mis-*sales representative* u mbaghad id-diretturi jiffirmaw wara li jircievu l-flus minghand ir-rapprezentant.

Ix-xhud tispjega li kienet offriet lill-attur sabiex isir ir-reklamar fl-edizzjoni li kienet ser tigi ppubblikata.

Tikkonferma li s-socjeta' konvenuta kienet qed titlob elf lira Maltin (Lm 1000), u cioe' ekwivalenti ghal elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tlettin centezmu (€ 2329.37) bhala danni, kif ukoll mija u hamsin lira Maltin (Lm 150) u cioe' ekwivalenti ghal tlett mija disgha u erbghin Euros u wiehed u erbghin centezmu (€ 349.41) li kienu hallsu fil-'*booking order'*.

Tispjega li ma kienitx disposta li taghti l-flus lura u dan minhabba li meta s-*sales representative* taghhom qatt ma kien hallas lura.

Il-pubblikazzjoni ssir kull sena u ghalhekk il-publikazzjoni ssir darba f'sena.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra
Dwar l-ewwel talba attrici, mill-provi migjuba jidher li hemm qbil fuq il-fatt li l-attur kien hallas mija u hamsin Lira

Maltin (Lm 150) u cioe' ekwivalenti ghal tlett mija disgha u erbghin Euros u wiehed u erbghin centezmu (€ 349.41) sabiex jigi ppubblikat reklam tal-hanut tieghu '*Telephone Box*" fuq il-*Malta Business Directory*.

Din il-pubblikazzjoni ddum ghal perjodu ta' sena.

Is-socjeta' konvenuta tammetti li ma kienx sar dan ir-reklam, ghaliex il-ftehim kien sar mas-*sales representative* taghhom u mill-verifiki li ghamlu, dan ta' l-ahhar kien zamm il-hlas li ghamel l-attur. Dan kollu kien sar ad insaputa tas-socjeta' konvenuta, sakemm ircevew ilmenti fuq l-istess haga mhux biss mill-attur, izda minn xi klijenti ohra.

Is-socjeta' konvenuta tikkonferma li kienet disposta li ggib ir-reklam fil-pubblikazzjoni li kien imiss, izda ma kienitx disposta li taghtih il-flus lura ghaliex il-flus kienu allegatament inzammu mill-impjegat taghhom u dan kuntrarjament ghal dak li s-socjeta' konvenuta ssottomettiet fin-nota taghha.

Madanakollu, fl-ebda stadju tal-provi, s-socjeta' konvenuta talbet li ghandu jigi kjamat fil-kawza dan l-impjegat. Lanqas biss giet prodott bhala xhud u ghaldaqstant, jekk sar ftehim, l-uniku ftehim li seta' kien hemm kien bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta.

Jibqa' ghalhekk biex jigi kkunsidrat il-kwistjoni dwar it-talba ghal hlas tad-danni sofferti mill-attur per konsegwenza tal-fatt li l-hanut taghhom ma kienx gie reklamat fid-*Directory.*
L-attur isemmi li kien hemm telf ta' circa elf Lira Maltin (Lm 1000) u cioe' ekwivalenti ghal elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tlettin centezmu (€ 2329.37) anzi isostni li t-telf kien akbar fuq perjodu ta' sena, izda semma' ammont li kien jidhirlu ragjonevoli.

It-Tribunal josserva li l-attur ma pproduca l-ebda tip ta' *balance sheet* jew xi dokument iehor li bih seta jikonvinci lil dan it-Tribunal x'kien efffettivament it-telf tieghu

minhabba l-fatt li r-reklamar tal-hanut tieghu ma giex ippubblikat fl-edizzjoni tas-sena 2007.

Huwa minnu, kif l-attur jissottometti ben tajjeb, li kien ilu xi zmien jirreklama u jekk baqa' jhallas fuq perjodu annwali, huwa minhabba li l-istess reklamar kien qed ihalli rispons tajjeb ghall-klientela tieghu. Ghalhekk, it-Tribunal huwa konvint li kien jezisti nexus bejn ir-reklamar u l-qliegh tan-negozju.

Jibqa' pero' l-fatt li ma hemmx provi konvincenti jew konkreti, li jistghu jwasslu lil dan it-Tribunal jasal biex jikkwantifika d-danni u cioe' t-telf ta' qliegh ta'l-attur.

L-attur ibiegh *mobile, televisions, hi-fi* u oggetti simili, li kollha vvarjaw fil-prezzijiet taghhom, pero' sabiex dan it-Tribunal jasal biex ikun gust, ma jistax japplika danni fl-ammont pretiz mill-attur, izda jhoss li xi ammont ta' danni bilfors sofra. It-Tribunal jinnota li f'nuqqas ta' ricerka specifika huwa prattikament impossibbli li tali telf jigi kwantifikat. Pero', l-attur indika somma u ghalhekk jekk dina s-somma hija korretta, bil-provveddiment infraskritt ser jigi gustament infraskritt ser jigi gustament kompensat fl-intier. Jekk it-telf hu inqas, ugwalment ser jigi kompensat fl-intier l-istess.

Fic-cirkostanzi ta' karenza tal-rovi it-Tribunal ihoss li kumpens gust ikun billi fl-edizzjoni tad-direttorju li jmiss is-socjeta' konvenuta taghmillu inserzjoni fuq l-istess bazi ta' dawk precedenti minghajr ma tithallas taghha. Jekk skond l-attur inserzjoni simili kienet thallilu elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tlettin centezmu (€ 2329.37) f'sena, jista' jippercepixxi dan il-gwadan b'tali inserzjoni u b'hekk ikun ikkumpensat gustament ta' dak li tilef b'rizultat tan-nuqqas tas-socjeta' konvenuta.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici limitatament u fis-sens li gej u cioe' billi tikkundanna is-socjeta' konvenuta tinserixxi fl-edizzjoni li jmiss tad-Direttorju imsemmi n-negozju tal-attur bl-istess mod kif kien jigi reklamat fil-passat (hlief ghal xi tibdiliet li talvolta jirrizultaw necessarji) u dan a spejjes taghha. In

oltre s-socjeta’ konvenuta ghandha tirrifondi lill-attur is-somma ta’ tlett mija disgha u erbghin Euros u wiehed u erbghin centezmu (€ 349.41) u cioe’ ekwivalenti ghal mija u hamsin lira Maltin (Lm 150) prezz ta’ reklamar li ma sarx. Fic-cirkostanzi l-ispejjes tal-kawza jigu sopportati bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------